MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2015

Rikors Numru. 140/2015

AB

vs

CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz taghha ippremetta :

Illi l-partijiet izzewgu fit-tmienja (8) ta’ Dicembru tas-sena elf disa` mija u sitta u disghin (1996) kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat Dokument A:

Illi minn dan iz-zwieg ghandhom tifla wahda TB li twieldet fl-erbatax (14) ta’ April tas-sena elf disa` mija u disgha u disghin (1999);

Illi l-partijiet huma legalment separati permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni personali datat hamsa (5) ta’ Jannar tas-sena elfejn u sebgha (2007) pubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Lia (Dokument B) liema kuntratt gie sussegwentement varjat permezz ta’ kuntratt iehor datat hamsa u ghoxrin (25) ta’ Novembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) pubblikat minn Nutar Dr Sharon Faith Farrugia (Dokument C);

Illi l-partijiet ilhom separati ghal aktar minn erba` (4) snin;

Illi m’hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom aktar minn erba` (4) snin ma jghixu flimkien, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi skont l-artikolu 3 tal-kuntratt ta’ separazzjoni tal-hamsa (5) ta’Jannar 2007 (Dokument B) il-partijiet rrinunzjaw reciprokament ghal kull dritt ta’ manteniment kontra xulxin. Illi l-esponenti qieghed ihallas puntwalment manteniment lil mara ghat-tifla li qed tirrisjedi mal-mara skont l-artikolu 18 kif emendat fil-kuntratt tal-25 ta’ Novembru 2013 (Dokument C);

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talab  li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex  :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata, li permezz taghha tikkonferma li taqbel mal-fatti kollha kif esposti fir-rikors promotur u ma hiex toggezzjona ghat-talbiet hemm kontenuti, u dan salv illi l-esponenti m'ghandhiex tehel l-ispejjez ta' dawn il-proceduri, li ghandhom jithallsu kollha mill-attur;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-14 ta' Ottubru 2014;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-5 ta' Jannar 2007, liema kuntratt gie sussegwentement varjat b'kuntratt iehor datat 25 ta' Novembru 2013;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------